



# In-Niċċa tal-Kunċizzjoni u l-Isqof Franġisku Saverio Caruana

Joseph Giorgio

Fit-triq il-Kanun Santa Venera, hemm niċċa kbira tal-ġebel mibnija f'forma mhux komuni. Għandha erba'faċċati u magħluqa bil-ħġieġ. F'nofs in-niċċa, fil-faċċata li tħares lejn il-Punent, hemm statwa tal-ġebel li tirrapreżenta lill-Madonna tal-Kunċizzjoni. L-istatwa hi miżbugħa biż-żebgħa. Skont skrizzjoni li hemm fuq irħama, ingastata fil-ħajt, nistgħu ngħidu li hemm l-istorja tagħha . L-iskrizzjoni li hija bit-Taljan tgħid hekk:



Reverendissimo Arcivescovo di Malta, D.D. Franceso Saverio Caruana, concede l-indulgenza di 40 giorni a chi recitera una Salve Regina avanti questa imagine di Maria Verġine Concetta - 18 Luglio, 1846

Fil-festa tal-Kunċizzjoni li tiġi fit 8 ta'Diċemrbu, in-niċċa tiġi mżejna minn min jieħu ħsiebha, bil-fjuri friksi u bid-dawl elettriku. Il-Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Venera , iqaddes quddiesa taħt l-istatwa tal-Kunċizzjoni , nhar is- 7 ta'Diċembru, lejlet il-festa tal-Madonna. Il-Madonna taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni fl-Ordni Karmelitan hija meqjuma ħafna. Hawn ta min jgħid li wieħed mill-artali tal-knijsa l-antika ta'Santa Venera, kien iddedikat lilha. Fl-1930, dan il-kwadru kien tneħħa minn ġol knisja, biex floku sar wieħed ieħor, iżda din id-darba inbidel ma dak tal-Madonna tal-Karmnu. Dan il-kwadru huwa xogħol Giuseppe Cali jew ibnu Ramiro. Il-kwadru l-antik tal-Kunċizzjoni jinsab fis-sagristija ta'ġewwa fil-knisja l-antika.

1. Id-domma tal-Kunċizzjoni ħarġet fit 8 ta' Diċemrbu 1854, mill-Papa Piju 1X. Erba' snn wara, fl-1858, il-Madonna dehret fl'Lourdes lil Bernardette, u ikkonfermat dak li qal il-Papa meta qaltilha "Jiena jien l-Immakultat Kunċizzjoni"
2. Bil-Malti l-iskrizzjoni li hemm fuq l-irħama tiġi taqra hekk: Reverendissimu Isqof ta'Malta, Francesco Saverio Caruana, jikkonċedi indulġenza ta' 40 jum lil kull min jgħid

Salve Regina quddiem din l-immaġini ta Marija Verġni Kunċetta – nhar 18 ta'Lulju 1846

3. Ftit aktar minn sena wara mid-data ta hawn fuq, propjament fis 17 ta Novembru 1847, l-Isqof Francesco Saverio Caruana miet fl-eta ta 89 sena. Baqa jissemma fl-istorja ta'Malta l-aktar għas-sehem kbir tiegħu li huwa ta waqt il-ġlieda kontra l-Franċiżi fi żmien l-imblokk fis-snin 1798-1800. Huwa kien twieled Ħaż-Żebbuġ fis 7 ta Lulju, 1759.
4. L-Arċidjaknu Franġisku Caruana, ( wara Isqof) kellu fidejh il-Kamp ta'San Ġużepp f'Santa Venera magħmul miż-Żebbuġin.
5. L-Isqof Saverio Caruana kien stabilixxa illi l-festa ta' Santa Venera tibda ssir fl-ewwel Ħadd li jiġi fuq is- 26 ta'Lulju. Dan kien ġara fis-sena 1843, meta l-Prokeratur tal-knisja ta' Santa Venera kien talab l-intervent tal-Isqof Francesco Saverio Carauna, għax il-Prokuratur kien ikollu problema fuq id-data tal-festa u xtaq isib soluzzjoni aċċettabli. Kif kienu l-użanzi dak iż-żmien, l-Arċisqof Caruana kien talab dan il-permess lis-Santa Sede. Ir-risposta kienet fl-affermattiv minn Sagra kongregazzjoni tar-Riti nhar l-14 ta' Ġunju 1843.
6. Il-Komunita tal-Provinċja Karmelitana Maltija wkoll kienet ħadet id-deċiżjoni f'Kapitlu Lokali li l-festa ta Santa Venera tiġi dejjem iċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Lulju.

carini
STORES LTD

**BATHROOM CENTRE**

435, St. Joseph High Road,
St. Venera, SVR1013,
Malta

**Tel:** 2144 0202 | 2144 9641
**Fax:** 2148 2849

**Email:**
sales@carinibathrooms.com
**Web:**
www.carinibathrooms.com